MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 580/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Amor Ben Marzouk Sliti (0019117 A) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Amor Ben Marzouk Sliti**

**Vs**

**Joseph Caruana (ID: 106341 M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' tlett mija u disgha u tmenin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm389.52c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra t-*Traffic Accident Report* fejn il-konvenut qal:

"Kont ipparkjat faccata tal-BOV, Naxxar. Kelli l-bieba miftuha, rajtu gej u x'hin ha nghalaqha laqatieli ftit."

Amor Ben Marzouk Sliti qal kif gej:

"Kont niezel min-Naxxar lejn il-Mosta u kif wasalt hdejn il-bieba hu pprova jerga' jaghlaqha izda xorta hbatna. Jien ridt nibqa' hemm imma l-iehor ma riedx u telaq."

Bhala hsara l-konvenut ghandu fuq quddiem tal-bieba l-leminija waqt li Amor Ben Marzouk Sliti ghandu l-*bumper* fuq quddiem, il-*headlight* tax-xellug fuq quddiem, il-bieba ta' quddiem fuq ix-xellug kif ukoll il-*front left wing*.

Ra x-xhieda ta' Amor Ben Marzouk Sliti fejn jghid illi dakinhar ta' l-incident il-konvenut kien f'karozza pparkjata fuq in-naha tax-xellug u f'daqqa wahda fetah il-bieba u gara l-impatt. Jikkonferma li l-konvenut ma tantx kellu hsara.

Jghid illi dakinhar wara li sehh l-incident, il-konvenut kien qallu li ma setax joqghod jistenna u qabad u telaq.
Ma jiftakarx kemm kien 'il barra maqlugh mill-karozzi pparkjati. Jghid illi x'hin wasal hdejh ra l-bieba tinfetah u tinghalaq.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi hu fetah il-bieba pied u ra l-vettura ta' Amor Ben Marzouk Sliti gejja u sar l-impatt.

Jghid illi meta sar l-incident hu kien fil-vettura tieghu u meta rah gej gibed il-bieba lejh.

Il-konvenut jghid ukoll illi ra l-karozza l-ewwel darba ftit 'il boghod minnu, distanza daqs l-Awla tal-Magistrat Herrera.

Meta ra l-vettura gejja pprova jaghlaq il-bieba izda kienet ghadha miftuha pied.

Jikkonferma li hu kien qed jaghlaq il-bieba u mhux jiftahha.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenut ma kienx konvincenti fix-xhieda tieghu. Certament kellu d-dover li qabel ma jiftah il-bieba kellu l-obbligu li jara jekk kienx hemm traffiku ghaddej. Fix-xhieda tieghu l-konvenut qal:

“Jiena kont ipparkjajt, ftaht il-bieba.”

Ma qalx li hares qabel ma fetah. Jidher li l-konvenut induna bl-izball ghax imbaghad qal li gibed il-bieba lejh ghaliex ra li l-attur kien gej.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta’ tlett mija u disgha u tmenin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm389.52c). Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta’ l-Ittra Ufficjali datata 3 ta’ Jannar, 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------